# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 1** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________________ Klassi: ____________________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

Dmirijiet, Ġnus Magħquda, familja, leadership, għaqda volontarja, drittijiet, komunikazzjoni, mass media, servizz, U.N.I.C.E.F.

a) Mezzi ta' komunikaazjoni bħat-televixin, ir-radju u l-kotba jissejħu ________________________.

b) L-ewwel u l-aqwa relazzjoni ta' mħabba fis-soċjeta' hija l- ______________________.

ċ) Dawk in-nies li jagħtu servizz ta' għajnuna lill-oħrajn mingħajr ħlas qegħdin f' ______________________.

d) Meta jkollok sens ta' tmexxija ta' grupp ngħidu li għandek sens ta' ________________________.

e) Il-kunsilli lokali jagħtu opportunita' liċ-ċittadini tal-lokal tagħhom biex jagħtu _____________________ fil-ħajja tal-lokal tagħhom.

f) L-għan ewlieni tal- ______________________ hu li l-ġnus tad-dinja jaħdmu għall-paċi u ftehim bejniethom.

g) Ħafna tilwim fil-familja u fost il-ħbieb jinqala' minħabba nuqqas ta' _______________________.

ġ) Li tkun ċittadin/a ta' pajjiż ifisser li jkollok id-_______________________ li jġibu magħhom _________________________ lejn pajjiżek.

għ) _____________________ hija għaqda li taħdem ħafna għat-tfal tad-dinja.

**(10 marki)**

**Taqsima B**

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tagħmel numru fin-nofs.**

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. Għaqdiet volontarji huma | | b'elezzjoni popolari |
| 2. F'pajjiż demokratiku, il-gvern jintgħażel | | familja kbira bil-ġenituri, uliedhom, in-nanniet, u z-zijiet fl-istess dar |
| 3. Familja estiża' hija | | mezzi tax-xandir bħat-televixin, radju, gazzetti u rivisti |
| 4. Dritt ifisser | | tħossok ħaġa waħda ma' l-oħrajn |
| 5. Il-mass media huma | | huma gvern lokali |
| 6. Solidarjeta' tfisser | | għaqdiet li jagħtu servizz mingħajr ħlas |
| 7. Inkun qed nifforma opinjoni | | relazzjoni ta' għajnuna u skop komuni |
| 8. Il-Kunsill Lokali | | dak li jistħoqqlok bħala bniedem |
| 9. Nazzjon hu | | meta jkolli ideat tiegħi fuq dak li nisma' u nosserva. |
| 10. Komunita' teżisti fejn hemm | | l-organizzazzjoni tas-soċjeta' fi stat ta' sistema politika. |

**(10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1) Il-lingwa mitkellma hija mezz ta' komunikazzjoni fostna l-bnedmin. Semmi tliet mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**(3 marki)**

2) Ikun hemm komunikazzjoni tajba meta ________________ u _________________ x'għandu jgħid ħaddieħor. **(2 marki)**

3) Liema mezz ta' komunikazzjoni taħseb li hu l-aktar popolari fost iż-żgħażagħ? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(4 marki)**

4) X'effetti fuq il-familja qed iħallu mezzi ta' komunikazzjoni bħat-televixin, videos, computers? Agħti l-opinjoni tiegħek billi tagħti eżempji.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(4 marki)**

5) Għaliex huwa importanti li naqra gazzetti differenti u x'differenza tgħaddi bejn fatt u opinjoni?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(**7 marki)**
**Total 20 marka.**

**<u>Taqsima D</u>**
**<u>Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u wieġeb.</u>**

1) Qorbot il-festa tar-raħal. Marija u Carmen iddeċidew li jmorru jixtru l-ħwejjeġ għall-festa. Ma kellhomx flus biżżejjed u għalhekk qagħdu jaħsbu x'setgħu jagħmlu f'dik is-sitwazzjoni. Ikteb tliet suġġerimenti tajbin għal Marija u Carmen.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(5 marki)

2) Fit-triq tar-raħal marret toqgħod familja ta' ġens barrani. Din il-familja ma ntlaqgħetx sew min-nies tal-lokal minħabba differenzi kulturali. F'din il-familja partikolari hemm tfal ta' kull daqs. Kif tista' int bħala ċittadin/a Malti/ja tgħin lil din il-familja?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(5 marki)

**Total 10 marki**

**Taqsima E**

**Ħares lejn din l-istampa u wieġeb:**



1) Taħseb li dawn it-tfal qed igawdu d-drittijiet tagħhom? Għaliex?

____________________________________________

____________________________________________(2 marki)

2) Min taħseb li jista' jgħin lil dawn it-tfal u kif?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(3 marki)

3) Agħti erba' drittijiet li int qed tgawdi u li dawn it-tfal m'humiex igawdu.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(4 marki)

4) Semmi żewġ pajjiżi fejn it-tfal qed ibatu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

5) Liema organizzazzjoni dinjija taħdem għad-drittijiet tat-tfal?

______________________________________________________________________(1 marka)

6) Il-Maltin huma magħrufa għas-solidarjeta' li juru ma' min għandu bżonn. Agħti eżempji ta' din is-solidarjeta' kemm lokali kif ukoll barranija. Taħseb li din is-solidarjeta' għandha tkun att ta' karita'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(8 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima F**
**<u>Ikteb paragrafu qasir (madwar 5 sentenzi) fuq wieħed minn dawn.</u>**

1) X'tistenna minn mexxej tajjeb?
2) Esperjenza f'ħajti li ġabet ftehim bejn il-ħbieb.
3) U.N.I.C.E.F.

**(10 marki)**

**Taqsima G**
**<u>Ikteb komponiment fuq wieħed minn dawn.</u>**

1) "Jien T.V. addict". Kif nista' nagħmel l-aħjar użu mit-televixin?
2) Il-familja - l-ewwel komunita' tagħna.
3) Is-sehem tiegħi fil-komunita' lokali.
4) Kif jista' jkun hawn il-ġustizzja u l-paċi fost in-nies tad-dinja?

**(20 marka)**